RABAT

# KUNSILL LOKALI TAR-RABAT (MALTA)

## RAPPORT AMMINISTRATTIV 2011

Imhejji

**Mis-Sindku Sandro Craus**

**15 ta' Dicembru 2011**

## INTRODUZZJONI

Ghaddiet sena ohra ta' hidma. Sena li fiha kellna diversi sfidi u xoghol xi jsir. Sena li rat ukoll tibdil amminsitrattiv fil-Kunsill Lokali taghna. Dan ghaliex f'Lulju tas-Sena 2011, is-Sna. Orietta Masini Cardona, giet mahtura bhala s-Segretarju Ezekuttiv il-gdid tal-Kunsill.

Hawn irrid nirringrazzja lis-Sna Roberta Ciantar li tul l-ewwel xhur tas-sena, qdiet b' mod eccezzjonali l-kariga ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv. Maghha rrid nirringrazzja wkoll il-haddiema l-ohra kollha tal-Kunsill li minkejja dawn id-diffikultajiet, refghu bicca zejda mir-responsabbiltajiet taghhom biex ix-xoghol amministrattiv baqa' ghaddej minghajr skossi.

Dan wassal biex il-Kunsill seta' jibqa' ghaddej b'ritmu mghaggel fuq il-programm eletorali tal-2009. Illum sentejn wara nistghu nghidu b'wiccna mil-quddiem li hidmietna qabdet ritmu tajjeb. Is-sena 2011 kellha diversi tragwardi, li l-kunsill irnexxielu jilhaq biex il-lokal taghna tibqa' tigi msebbah ghal gid r-residenti taghna. Dwar dan se nkun qed naghti harsa fid-dettal iktar 'il quddiem f'dan ir-rapport. Kullhadd jaf li hidmietna fir-Rabat mhiex wahda facli u ghalhekk tajjeb li meta wiehed jitkellem fuq il-kunsill jew ahjar jikritika lil kunsill ghandu jzomm hafna fatturi fil-perspettiva korretta.

## ATTENDENZA

B'kollox il-Kunsill iltaqa` 15 -il darba u hu ta' sodisfazzjon li l-maggoranza tal-kunsilliera attendew ghal dawn l-laqghat tal-Kunsill fejn flimkien hdimna u organizzajna diversi affarijiet ghall-gid tal-komunita` Rabtija.

| ISEM | ATTENDA | SKUZAT | MHUX SKUZAT |
|---|---|---|---|
| Alexander Craus | 15 | 0 | |
| Doris Coleiro | 13 | 2 | |
| P.P. Azzopardi | 14 | 1 | |
| Antoine Borg | 12 | 3 | |
| Nazju Cassar | 14 | 1 | |
| Frans Chircop | 10 | 5 | |
| Paul Grech | 8 | 7 | |
| Rudolf Grima | 7 | 8 | |
| Dr. Robert Micallef | 13 | 2 | |

## PROGETTI INFRASTRUTTURALI

F'din il-legislatura diga sar hafna xoghol fejn jidhlu toroq. Infakkar li l-kunsill ghamel:

- Triq tal-Virtu,
- Triq l-Isptar,
- Triq ir-Repubblika,
- Triq Antonio Nani,
- Triq Bolzano,
- Triq Vivaldi,
- Triq Mozart,
- Triq l-Arpa
- L-Bel Veder ta' Ghar Barka.

Ma' dawn insemmi toroq li ghamilna fil-kampanja bhal dik tal-Kuncizzjoni (it-tliet fazi), l-Landrijiet (it-tieni fazi), Tas-Salvatur u Tas-Salib (l-ewwel fazi).

B'daqshekk m'ahniex kuntenti u ghalhekk is-sena 2011 poggiet quddiemna aktar sfidi biex inkomplu fejn hallejna fl-2010. Infatti l-kunsill lesta sqaq iehor dak ta' San Frangisk fejn hawn barra li biddilna l-wicc tal-isqaq biddilna wkoll is-servizzi tal-ilma u l-'inspection boxes' kollha tad-dranagg. Sqaq li sewa lil kunsill €14,000

Lestejna wkoll parti mit-Triq in-Namura fil-Bahrija. Din giet tiswa lil Kunsill €12,000.

Lestejna wkoll il-Pjazza tal-Bahrija fejn din giet asfaltata mil-gdid spiza ta' madwar €10,000.

Lestejna t-tielet u l-ahhar parti tat-t-Triq tal-Kuncizzjoni, spiza li ghad trid tigi iccertifikata mill-perit pero bejn wiehed u iehor infaqna madwar €25,000.

Lestejna t-Triq li mill-Ghemieri tmur ghal tas-Santi stima ta' madwar €20,000.

Lestejna triq twila fil-kampanja li minn Hofret ir-Ritz twaslek ghal Triq il-Gargir spiza ta' €70,000.

Hargulna l-permessi biex jibda x-xoghol fi Triq San Martin, Triq Doni l-Qadima u Tas-Salib. Hu stmat li Triq San Martin tigi tiswa €25,000, Triq Doni l-Qadima tigi tiswa €48,000 u tas-Salib it-tieni fazi tigi tiswa €50,000. Dan ifisser li x-xoghol f'dawn it-toroq ser jibda fil-jiem li gejjin. Diga ltqajna mar-residenti ta' dawn it-toroq fejn iddiskutejna l-problemi ezistenti u flimkien mal-perit tal-Kunsill hrigna b'soluzzjonijiet.

Il-Kunsill pero diga beda l-pjanijiet fuq toroq ohra li jridu jkunu lesti sa bhal lum sena. Hawn qed nirreferi ghal Triq l-Ghobbejra, Triq San Bastjan, Triq L-Iskultura, Triq Ghajn Qajjet, Triq Doni l-Qadima, Triq Gheriexem I , Triq Gheriexem II. Fil-pjanijiet taghna hemm ukoll Triq Piu V u Triq Inguanez. Irridu nsolvu l-problema tal-ilma tax-xita fi Triq San Publius u Triq Konti Ruggieru.

Hidma ohra li l-kunsill qed jahdem fuqha hi dik tal-bankini. Hidmietna ha tiffoka fuq bankini tac-centru u fil-jiem li gejjin ha nibdew il-bankina faccata tal-knisja ta' San Frangisk. Irridu nsolvu l-problemi li ghandna fejn jidhlu l-bankini fic-centru tar-Rabat li saru perikoluzi hafna.

Hdimna hafna mal-bdiewa u tajna ammont sostanzjali ta' konkos. Dan ghamilnieh biex nirrangaw trejqat fil-kampanja. L-Ghemieri u ta' Koronja rrangajna zewg pontijiet li jghaddu minn fuqhom il-bdiewa. Dan billi biddilna l-planki tal-konkos u bnejna hitan tas-sejjiegh mill- gdid. Tellajna numru sostanzjali ta' hitan tas-sejjiegh li uhud minnhom waqghu bil-maltemp u ohrajn b'vandalizmu.

Hdimna wkoll spalla ma' spalla mal-Kumitat Monument Anton Agius biex issehh il-holma li kellhom hafna Rabtin u jsir Monument f'gieh Anton Agius, artist li kellu fama kbira fil-qasam artistiku. Irnexxielna nibdlu zona li kienet mitluqa. Waqqajna l-kamra li kienet tintuza bhala pitkali u flokha ghamilna l-Monument ta' Anton Agius, ghamilna bankijiet godda u sebbahna l-posta b'konok ghal pjanti stagjonali. Infakkar ukoll li kien bis-sahha tal-Kunsill Lokali tar-Rabat li l-ghalqa ta' Kola giet trasformata f'zona ‚mill-isbah. Illum l-Ghalqa ta' Kola inbidlilha isimha wkoll u saret Pjazza Anton Agius.

Hdimna bla waqfien biex niperswadu l-gvern biex jinvesti fir-Rabat. Kellna laqghat numeruzi u rnexxielna nikonvincu l-gvern biex Triq Santu Wistin terga tigi pavimentata. Sar xoghol f'din iz-zona fejn Vjal Santu Wistin, Triq Santu Wistin u Sqaq 1 Santu Wistin gew pavimentati bil-lava. Insistejna biex il-lava originali tigi restawrata u terga titpogga. Fejn hemm lava nieqsa minhabba xogholijiet li saru fil-passat tigi mpoggija lava gdida. Illum kuntenti li ha jkollna triq importanti ohra fir-Rabat lesta.

## INDAFA GENERALI U QTUGH TA' HAXIX

Dan is-sajf hdimna bla waqfien biex naqtghu l-haxix f'diversi zoni fosthom Tal-Virtu, is-Salvatur, Landrijiet, l-Mtahleb, fejn tax-Xemgha, l-Bahrija, Tas-Serena, l-Ghemieri, l-Fiddien, fejn il-'Computer Centre', Raba Nemel u Bieb ir-Ruwa.

Ghamilna numru ta' 'Bring In Sites' madwar ir-Rabat fejn il-maggoranza taghhom qed jintuzaw b'mod tajjeb hafna. Zidna n-numru ta' 'bins' f'postijiet centrali specjalment faccata tas-Sirkin. Qed naghmlu spezzjonijiet fuq il-kenniesa u b'mod ingenerali nista nghid li ghandna servizz tajjeb hafna.

## EDUKAZZJONI

Flimkien mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni komplejna bil-korsijiet fil-lingwa Maltija u Ingliza ghall-adulti u dan kien kors ta' success. Kellna attendenza kbira hafna fix-xhur tas-sajf ghall-korsijiet indirizzati lejn it-tfal taghna. Organizzajna wkoll korsijiet ohra li jwasslu ghall-ECDL.

Investejna fil-haddiema taghna wkoll fejn dawn attendew diversi korsijiet biex intejbu s-servizz mghoti mill-Kunsill.

Inxtraw numru kbir ta' kotba lill-iskejjel taghna tal-Primarja kemm li ghandna r-Rabat u kif ukoll li ghandna l-Bahrija. Dawn il-kotba inatghu waqt il-Jum ta' Premjazzjoni fiz-zewg skejjel. Din is-sena zidna l-ispiza taghna b'€2,000 ghal somma totali ta' €3,500.

Bhala Kunsill qed nixtru diversi kotba kull sena ghal-Librerija Regjonali tal-Kunsill. Kotba immiratti ghat-tfal ta' kull eta', tfal bil-kundizzjoni tad-'dyslexia' u adulti, biex hekk nipromovu imhabba lejn il-ktieb.

## SPORTS

Organizzajna b'success ghal darb'ohra l-'Motor Sports Festival'. Din is-sena qsamna din l-attivita fuq tlett ihdud. Organizzajna l-'Moto Cross Enduro', l-'Hill Climb' u 'Motor Static Show'. Attivitajiet li gibdu mijiet ta' diletanti. Hemm attivitajiet ohra ppjanati f'dan il-qasam.

Komplejna nghinu lil 'Rabat Nursery' billi nhallsu t-transport biex jiehu it-tfal ta' taht l-Ghaxar Snin il-grawnd tal-Imtarfa. Xtrajna zewg lasti biex jintuzaw mit-tfal waqt it-tahrig taghhom u tajna l-ghajnuna taghna wkoll biex jinxtraw trofej lir-'Rabat Ajax Nursery'.

## ANZJANI

Hidmietna f'dan il-qasam kompliet tissahah. Grazzi lil Vici Sindku Doris Coleiro li bl-ghajnuna ta' numru mdaqqas ta' voluntiera organizzjana diversi attivitajiet u hargiet kemm fix-xitwa u kif ukoll fis-sajf ghal-anzjani taghna. Organizzajna b'succes iz-zewg 'parties' wiehed f'Jum l-Anzjani u l-iehor fi zmien il-Milied.

Id-'Day Centre' ta' l-anzjani qed ikollu success f'dan ir-rigward u barra li norganizzaw numru kbir ta' attivitajiet rikreattivi qed isiru wkoll numru ta' dikussjonijiet relatati mal-anzjani.

## HOUSING

Il-Kunsill applika biex ghas-sena 2011 jirranga il-komun ta' hames blokki flats. Hrigna 'tender' u dan intrebah minn Adrian Muscat. Ha jsiru diversi xogholijiet fil-parti komuni u ha jigi installat 'intercom' biex il-bieb ta' barra li ser jinbidel ukoll jibqa maghluq. B'hekk tizdied is-sigura ghal dawn ir-residenti. Bhalissa qed isir xoghol fi Block A Ent. 1-8, Block A Ent. 9 – 16, Block D Door. 6, Block E Door 2 u Block F Door 1 go Triq Ghajn Kajjet. Barra minn hekk il-kunsill rebah biex jaghmel hames komuni ohra u rebah skema ohra biex jirranga il-madwar ta'quddiem il-Flats. Il-kunsill rebah somma ta' 75,000 ewro biex issir il-proposta li pprezenta l-kunsill jigifieri li jirranga madwar Block D. Ix-xoghol ser jibda fis-sena 2012.

## PROGETTI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kunsill rebah zewg progetti relatati ma' fondi tal-UE. Wiehed mil-progetti huwa li jinfetah ghall-ewwel darba l-katakombi ta' Santu Wistin. Dan l-progett qed isir bi shab mal-Kunsill Lokali tal-Mosta, zewg Kunsilli Sqallin, Heritage Malta u 'Malta Tourism Authority'. Minn dawn il-fondi l-Kunsill tar-Rabat ser jirranga s-soqfa u xi hitan ta' dawn il-katakombi. L-Kunsill ha hsieb wkoll li dan il-katakombi ikun accessibli ghal kullhadd.

Progett iehor qed issir bi shab ma' 'Permaculture Research Foundation'. Proġett li permezz tiegħu qed twassal informazzjoni dwar agrikoltura u żvilupp sostenibbli lill-pubbliku in ġenerali. Flimkien qed norganizzaw korsijiet u workshops biex iż-żgħażagħ li jgħixu f'żoni urbani, jiġu f'kuntatt dirett man-natura u jitghallmu metodi li ma jaghmlux hsara lill-bniedem u lill-ambjent. Qed isiru wkoll żjarat minn tfal tal-iskola u jingħata tagħlim dwar il-prinċipji u t-tħaddim ta' eko-sistemi.

## JUM IR-RABAT

It-2 ta' Settembru huwa l-jum li l-Kunsill ghazel biex jissinifika l-jum tal-lokalita taghna. Qabel konna niccelebraw Jum ir-Rabat f'data li ma kellha sinifikat ta' xejn. Wara hafna diskussjonijiet il-Kunsill ghazel l-gurnata tat- 2 ta' Settembru bhala l-gurnata relatata mar-Rabat, il-gurnata meta minn hawn bdew l-irvellijiet kontra l-Francizi. Din l-gurnata bidlet l-istorja ta' pajjizna. U ghalhekk ilkoll kemm ahna ghandna nkunu kburin li l-irvellijiet kontra l-imperu Franciz bdew mir-Rabat. Hawn il-Kunsill tella attivita muzikali fuq San Katald. Prezentat is-serata is-Sinjorina Marika Vassallo u animaw is-serata l-vjolinista Mark Ciantar u s-sopran Charlene Aquilina.

Din is-sena kienet dedikata lil volontarjat u ghalhekk l-Kunsill ghazel li jaghti l-Unur ta' Gieh ir-Rabat lis-Sur Charles Cassar. Persuna li dejjem hadmet b'mod volontarju fil-qasam tal-isports, ezattament fil-qasam tal-futbol jigifieri mar-'Rabat Ajax Futbol Nursery'. Illum jokkupa l-kariga ta' President u jiehu hsieb it-tmexxija tan-nursery.

Inghataw zewg rikonoxximenti lil zewg zghazagh mil-lokal li ppromettew fil-qasam sportiv fid-dixxiplini rispettivi taghhom. Iz-zaghzugh Gary Carr, 'player' tas-'snooker', li minkejja l-eta zghira tieghu irnexxilu jistabilixxi ruhu bhala wiehed mil-ahjar 'players' tal-eta' tieghu. Dan ghamlu b'dedikazzjoni u dixxiplina kbira. Iz-zaghzugh Adam Smeir, inghata wkoll rikonoxximent ghall-unur li gab lit-tim ta' 'Rabat Ajax' meta rebah l-ahjar plejer tat-tieni divizjoni. Dan hu persuna ta' ezempju ghat-tfal li jattendu u jaraw il-loghbiet tal-futbol li Adam ikun qed jippartecipa fihom.

Il-Kunsill haseb wkoll li jaghti rikonoxximent ta' hidmiethom lil membri tas-sotto kumitat tal-anzjani, ghax-xoghol volontarju li jaghmlu fid-'Day Center' u ghal ghajnuna taghhom fl-attivitajiet li jorganizza ghal-anzjani tal-lokalita' u lil Kuntistabbli Paul Spiteri u Kenneth Ciangura li b'dedikazzjoni kbira, anke barra s-sieghat tax-xoghol taghhom, dejjem iddefendew l-interessi tar-residenti Rabtin u l-kommunitajiet taghhom.

## RABAT FESTIVAL TA' ARTI

Din is-sena ghal-ewwel darba l-Kunsill organizza attivita` bejn is-Sibt 22 u l-Hadd 23 t' Ottubru 2011 bit-tema Rabat Festival ta' Arti. Din l-attivta` kienet wahda kulturali u storika fejn diversi artisti Rabtin kellhom l-opportunita li jesponu t-talenti taghhom ghal dawk li zaru il-lokalita taghna.

L-ghan ta' din l-attivita' kien li filwaqt li naghtu gharfien tal-wirt storiku u kulturali li l-lokal taghna huwa mdawwar bih, il-pubbliku jsir aktar konxju tat-tezori li ghandna u li ftit jew xejn naghtu kaz taghhom minhabba l-hajja maghggla li ghandna.

Fost l-attivitajiet li ittelghu, kienu diversi wirjiet static ta' artisti maghrufa Rabtin. Kien hemm ukoll l-ghana Malti minn uhud mill-aqwa ghannejja lokali biex hekk inzammet hajja wahda mil-eqdem tradizzjonijiet Maltin.

F'lokal bhar-Rabat, ma setghatx tonqos l-partecipazzjoni shiha mill-Kazini Lokali u l-Komunitajiet Religjuzi. Kemm is-socjetajiet muzikali, kazini politici kif ukoll il-komunitajiet religjuzi taw is-sehem shih taghhom b' kuncerti u wirjiet diversi.

Dawk li attendew mhux biss kellhom l-opportunita li jzuru muzewijiet li baqghu miftugha ghal pubbliku bi prezz sussidjat u kunventi li baqghu miftugha ghal pubbliku bla hlas, izda kellhom ukoll l-oportunita jiehdu sehem f' 'tours' organizzati apposta fejn giet spjegata fid-dettal l-istorja ta' kull post.

**RESTAWR**

Hu ta' sodisfazzjon ghalija li hidmietna f'dan il-qasam ha tibda tidher ukoll. Ghal din is-sena l-Kunsill ha jirrestawra zewg statwi wahda li tinsab fi Triq San Pawl u l-ohra li tinsab fit-tarf ta' Triq Doni. Dawn jekk ma nintervjenewx ha jispiccaw jintilfu f'qasir zmien. L-Kunsill ser iqabbad perit biex jaghmel studju fuq dawn in-nicec jew statwi u jaghti lill-kunsill rendikont ta' kemm jigi jiswa r-restawr ta' kull nicca u statwa.

Wara sentejn ta' stennija hargilna l-permess tar-restawr tal-Ghajn ta' Gheriexem. Ilna ghaddejin bi studji ta' kif ha jitwettaq ix-xoghol. Fil-gimghat li gejjin inkunu f'pozizzjoni li naghmlu Konferenza Stampa u nidhlu fid-dettal ta' dan ix-xoghol ta' restawr fuq l-Ghajn ta' Gheriexem. Fil-bidu tas-sena 2012 ser johrog it-'tender' ghal dawk li jixtiequ jaghmlu ix-xoghol ta' restawr fuq din il-Ghajn.

**KONKLUZJONI**

Inhoss li bid-diffikultajiet kollha li nsibu wettaqna hidma sfieqa f'diversi oqsma. Hidma li qed twassal fi zvillup sostenibbli fir-Rabat. Ghandna nuqqasijiet pero kollox ma' kollox qed naghmlu differenza kbira minn dak li kien isir qabel. Qed nahdmu bil-ghaqal u fejn kien hemm bzonn li niehdu decizjonijiet iebsa hadnihom u ma ddejaqniex. L-ghan taghna hu wiehed li dak li ippjanajna fl-2009 jigi mwettaq kollu biex b'hekk inkunu hallejna hidma sfieqa fil-lokal taghna.

Alexander Craus
Sindku